MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 318/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carlos Falzon**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carlos Falzon talli nhar-it 22 ta’ Ottubru 2010 f’hinijiet differenti, gewwa l-Belt Valletta:

(1) ikkommetta serq ta’ curkett tad-deheb ta’ valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2,329.37 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta’ Alfie’s Jewellers ta’ Triq il-Merkanti, Valletta, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 261(b)(c), 263, 264 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) fl-istess data kkommetta serq ta' zewg vettrini li kienu jikkontjenu ghodda u mwies ta' valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2,329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz, ghad-detriment ta' Vee Gee Bee Art ta' Triq ir-Repubblika, Valletta, u dan bi ksur ta' l-artikoli 261(b)(c), 263, 264 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess data minn gewwa Tal-Lira, sitwat fi Triq Zakkarija, Valletta, ikkommeta serq semplici ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi €23.29 izda inqas minn €232.94, u dan bi ksur ta' l-artikoli 284, 285 u 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u/jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) wara li gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' hwejjeg misruqa minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) bejn Jannar 2010 u t-23 t'Ottubru 2010 f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jirrapporta lill-ufficjal awtorizzat minghajr dewmien, li xi wahda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identita` tieghu, u cioe` l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt fl-artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqghetx aktar korrettta, u kif ukoll naqas li jaghti dak it-taghrif kollu mehtieg, u dan bi ksur ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita`, Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' xahar prigunerija sospiza ghal sitt xhur moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D nhar l-24 ta' Marzu 2010, liema sentenza sospiza giet estiza ghal sitt xhur ohra mill-

Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. b'sentenza datata 23 ta' Gunju 2010;

(8) ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet snin li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. b'sentenza datata 23 ta' Gunju 2010;

(10) irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan bi ksur ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija ta' l-imputazzjoni numru sitta (6), il-Qorti giet mitluba tordna lill-imsemmi Carlos Falzon ihallas €11.65 ghal kull gurnata li matulha jitkompla r-reat, u dan kif mahsub fl-artikolu 14(1) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita', Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Lulju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 267, 284, 285, 278, 49, 50, 289, 17, 29 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carlos Falzon hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), is-sitt (6) u d-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u kkundannatu tmintax-il (18) xahar prigunerija. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4), il-hames (5), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carlos Falzonipprezentat fit-13 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant kif moghtija mill-ewwel Qorti, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn gie liberat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, izda thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ikkundannatu ghal prigunerija ta' tmintax-il xahar u minflok tapplika piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan l-appell huwa dwar il-piena peress illi l-appellant isostni li kellu jigi kkundannat ghal piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi. L-appellant jghid illi jaqbel mar-ragunijiet u konkluzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti dwar l-imputazzjonijiet li taghhom instab hati. L-appellant jghid ukoll illi skond l-imputazzjonijiet li ammetta ghalihom, si tratta ta' valur massimu ta' oggetti misruqa ta' cirka €4,700 u minimu ta' €500. Huwa ghalhekk isostni li tenut kont tal-fatt li si tratta ta' serq daqstant minimu, il-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija tidher "kemmxejn gholja". Jghid li huwa minnu li hu recidiv, izda huwa kien ibati minn problemi ta' abbuz ta' droga u kien ghalhekk li kkommetta s-serq relattiv. "Issa l-appellant qed jistenna li jibda programm ta' rijabilitazzjoni."

**6.** Issa, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Huwa l-kaz li jigi sottolineat ukoll li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** Mill-atti jirrizulta illi f'dan il-kaz l-appellant ammetta wara li l-prosekuzzjoni kkonkludiet il-provi taghha. Fil-fatt il-prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011 u dakinhar l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghall-provi tad-difiza ghall-

20 ta’ Mejju 2011. F’dik id-data, l-appellant (allura imputat) iddikjara li ma kienx se jixhed u li m’ghandux provi xi jressaq u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali ghall-24 ta’ Gunju 2011. F’din is-seduta, wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li s-sentenza sospiza msemmija fl-imputazzjoni numru sebgha (7) diga’ giet reza operattiva, kif ukoll li l-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta ttrattat ma’ l-appellant dwar ksur ta’ ordni ta’ *probation*, l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Lulju 2011. F’din l-ahhar seduta, l-appellant kompla jinsisti li jirregistra ammissjoni u l-kawza giet deciza. Jigifieri l-ammissjoni ta’ l-appellant ma kinitx wahda bikrija u kienet wahda inkondizzjonata.

**8.** Kwantu ghall-piena, l-appellant gie dikjarat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u d-disa’ imputazzjonijiet. Il-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni hija ta’ prigunerija minn hames xhur sa tliet snin li ma tinghatax fil-*minimum*. Jigifieri l-inqas piena hi ta’ prigunerija ghal perijodu ta’ ghaxar xhur u ghaxart ijiem filwaqt illi l-massimu hu ta’ tliet snin. L-istess in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Kwantu mbaghad ghat-tielet imputazzjoni l-piena hi ta’ prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur. Fil-kaz imbaghad tas-sitt imputazzjoni, il-piena hi dik ta’ multa ta’ mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u, fil-każ ta’ reat kontinwu, multa ta’ mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat. Il-piena dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet biss, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tvarja bejn minimu ta’ erbatax-il xahar u erbat ijiem sa massimu ta’ erba’ snin u xahrejn. Kjarament mela l-ewwel Qorti nfliggiet piena vicin sew il-minimu. U dan minghajr ma titqies l-imputazzjoni dwar recidiva li giet ammessa. Inoltre l-ewwel Qorti ma nfliggiet l-ebda piena ulterjuri ghas-sitt imputazzjoni.

**9.** L-appellant jghid illi kien ibati minn problemi ta’ abbuz ta’ droga u kien ghalhekk li kkommetta s-serq relattiv, u bhalissa qieghed jistenna sabiex jidhol fi programm ta’ rijabilitazzjoni. L-ewwelnett il-fatt li persuna tkun qed tbati minn problema ta’ abbuz tad-droga ma taghtihiex *carte*

*blanche* biex tikser il-ligi. Imbaghad jekk l-appellant qieghed jistenna li jibda programm ta' rijabilitazzjoni hija haga pozittiva – izda ma gab l-ebda prova ta' f'liema programm qieghed jistenna li jidhol u ta' x'inhuma l-isforzi li ghamel biex jeghleb il-problema tad-droga. L-ewwel Qorti, pero`, hadet in konsiderazzjoni li **"skond ma rrizulta waqt is-sottomissjonijiet finali li saru dwar il-piena li l-imputat wera x-xewqa li jibda u jkompli programm sabiex jeghleb il-problema ta' abbuz mid-droga u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva vicin il-*minimum* imponibbli b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb din il-problema."**

**10.** Din il-Qorti tosserva wkoll illi mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta, almenu *prima facie*, li s'issa huwa bbenefika minn zewg sentenzi sospizi ta' prigunerija (wahda minnhom li giet estiza), ordni ta' *probation*, u *conditional discharge*. Dawn is-sentenzi nghataw in konnessjoni ma' ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Armi u dwar numru ta' serqiet. Sfortunatament jidher li sentenza sospiza wahda ngabet fis-sehh u gie trattat mill-gdid dwar ksur ta' l-ordni ta' *probation*. Difatti b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju 2011 gie kkundannat piena komplessiva ta' sentejn prigunerija.

**11.** Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi u vicin il-minimu, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak li dehrilha relevanti ghall-kaz. Din il-Qorti, fid-dawl ta' dak kollu li nghad, ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata u ghalhekk tqis li s-sentenza appellata timmerita konferma. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-ewwel Qorti li d-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghandu jaghti lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega biex jeghleb il-problema tad-droga, b'mod partikolari billi jghinu jibda programm ta' rijabilitazzjoni.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------